MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2006

Talba Numru. 1076/2003

**John Grima**

**vs**

**Bank of Valletta plc**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta Mejju 2003 fejn l-attur qed jitlob li l-Bank konvenut ghandu jigi kkundannat ihallsu s-somma ta tliet mija u erbatax il-lira (Lm314) rapprezentanti ammont mitlub mill-attur meta ordna lill-Bank konvenut biex jaghlaq il-kontijiet li kellu mieghu u dan naqas li joqghod ghall-istruzzjonijiet tieghu.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Ra r-risposta tal-Bank konvenut prezentata fil-25 ta Lulju 2003 fejn ikkontesta t-talba attrici billi fl-ewwel lok jistaqsi x'tip ta talba kien qed iressaq l-attur; fit-tieni lok kwalunkwe ammont li seta kellu l-attur il-Bank kellu se mai

jigi paccjut ma spejjes gudizzjarji kanonizzati kontra tieghu b'sentenza datata 18 ta Gunju 1999 (Dok BOV 1) u fl-ahhar nett meta wiehed jaghmel il-kalkolu ta tali tpacija ghandu jirrizulta li huwa l-istess attur li hu debitur tal-Bank konvenut fl-ammont ta Lm380.47 u kwindi kienet qieghdha ssir kontro-talba f'dan is-sens;

Ra r-risposta tal-attur datata 6 ta Ottubru 2003 ghall-kontro-talba sollevata mill-Bank konvenut bis-sahha ta liema kkontesta l-istess u dana fis-sens illi fl-ewwel lok jikkontendi li proceduralment ma jissussistux l-elementi rikjesti mil-ligi ghal prezentata ta kontro-talba; fit-tieni lok il-kontro-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2149 (C) u (e) u l-artikolu 2153 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta Malta u fit-tielet lok u fil-meritu l-attur kien hallas kollox ghas-saldu. B'riserva tal-prezentata ta eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra u ezamina l-provi migjuba u d-dokumenti esebiti.

Ra u ezamina n-noti ta osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi Dr Alexia Scicluna fl-affidavit taghha taghti rendikont tal-proceduri u ammonti dovuta mill-attur lill-Bank Konvenut.

1) Fit-18 ta Gunju 1999 John Grima gie kkundannat b'sentenza tal-Qorti jhallas lill-Bank konvenut is-somma ta Lm303.03 bl-imghaxijiet dekorribbli mill-1 ta April 1997;

2) Peress li l-attur baqa ma hallas xejn kien inhareg mandat ta qbid kontra tieghu fit-22 ta Marzu 2000 liema mandat gie esekwit fl-10 ta April ta wara;

3) Fl-20 ta Gunju 2000 il-Bank beda l-proceduri tas-subbasta li giet appuntata ghat-13 ta Frar 2001;

4) Fid-9 ta Frar 2001 il-Marixxal tal-Qorti gabar is-somma ta Lm460 minnghand l-attur biex b'hekk kien ghad fadallu biss zbilanc ta Lm2.40. Mill-ispejjes legali ma kienu ghadhom thallsu xejn pero peress li fuq dawn l-ammonti ma jinkorrux imghaxijiet. F'dan il-perjodu ta zmien gie mblukkat il-kont li l-attur kellu gewwa l-fergha ta Balluta li

kien fl-ammont ta Lm314 cioe l-ammont meritu ta dina l-kawza.
5) F'skambju ta korrispondenza l-konsulent legali tal-attur gie nfurmat li l-ammont ta Lm314 kien ser jigi depositat f'legal fees account halli ssir tpacija skond il-ligi ai termini tal-artikolu 1196 Kap 16 fejn in segwitu ghal tali esercizzju kien ser jibqa bilanc ta Lm78.22;
6) Rendikont tal-ispejjes legali intbghat permezz ta ittra datata 18 ta Gunju 2001 Dok I a fol 51 tal-process;
7) Illi ghalhekk il-posizzjoni tal-Bank hi li jew jigi ordnat li jirrifondi lill-attur is-somma ta Lm314 li huwa kellu fil-kont tieghu u fl-istess hin il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Bank is-somma ta Lm380.47 bhala spejjes legali jew inkella ssir tpacija parzjali u l-Bank ikun fadallu jigbor minnghand l-attur is-somma ta Lm63.77.

Illi fl-affidavit tieghu l-attur John Grima jilmenta mill-fatt li l-Bank konvenut kien fetah kont fuq ismu (Legal fees account) u dwar trasferimenti ta flus fl-istess kont minnghajr il-kunsens tieghu u li kienu qed jaddebitawlu bilanc u imghaxijiet kontra tieghu meta skond hu jinsisti li ma fadallu jhallashom xejn aktar. In kontro-ezami Dr Alexia Scicluna tikkonferma li l-legal fees account ikun infetah fuq isem il-klijent minnghajr il-firma tieghu u dana fl-okkazzjoni li tinfetah kawza kontra tieghu halli jiddebitaw l-istess kont bl-ispejjes u drittijiet gudizzjarji u fl-ahhar tal-kawza jinhareg rendikont shih u komplet tal-istess. L-ammont indikat fl-imsemmi kont bankarju jaqa dovut fil-mument tat-tmiem tal-kawza, naturalment dejjem jekk din tkun intrebhet mill-istess Bank.

Xehed ukoll Aldo Testone assistant registratur tal-Qrati Civili li kkonferma l-korrettezza tad-dokumenti esebiti mill-Bank konvenut dwar l-atti kollha intavolati minnhom kontra l-attur u kif ukoll b'mod partikolari dwar ir-rendikont tad-drittijiet u spejjes legali inkorsi mill-Bank konvenut in segwitu tas-sentenza deciza favur tieghu, liema rendikont jidher bhala Dok BOV XI mehmuz mal-ingunzjoni ricevuta mill-istess xhud u li tinsab a fol 94 tal-process.

Illi bejn wiehed u iehor u fis-sustanza il-partijiet qed jaqblu fuq il-fattispecie tal-kaz u kwindi li ghandu jigi diskuss

huma l-punti legali sollevati mill-attur in konnessjoni mar-risposta u kontro-talba mressqa mill-Bank konvenut cioe:-

1) Jekk setghax il-Bank konvenut jipprevalixxi ruhu mill-istitut tat-tpacija.
2) Jekk sethax il-Bank konvenut japprofitta ruhu mill-procedura istitwita mill-attur biex jipprezenta l-kontro-talba tieghu; u
3) Jekk it-talba tal-bank konvenut ghal hlas tad-drittjiet u spejjes gudizzjarji hijiex preskritta o meno bid-dekors ta sentejn ai termini tal-artikoli kwotati mill-attur.

Illi dwar is-suespost jigi rilevat fl-ewwel lok u qabel kollox li dan it-Tribunal ma jaqbel xejn mas-sottomissjonijiet maghmula mill-attur dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni tal-Bank konvenut in kontro-talba u dwar l-artikoli minnu kwotati. L-ammont mitlub mill-Bank konvenut jikkoncerna drittijiet u spejjes legali dovuta mill-attur ai termini ta sentenza li ghaddiet in gudikata kontra tieghu. Illi ghalhekk dan huwa kreditu kanonizzat kontra tieghu wkoll bhalma hu s-sorte relattiv u kwindi l-preskrizzjoni ta sentejn ma hiex applikabbli ghal kaz in disamina.

Jibqa l-fatt jekk jirrikorrux l-elementi rikjesti mill-ligi ghal prezentata ta kontro-talba. It-Tribunal ma jifhimx l-argument imressaq mill-attur f'dan ir-rigward. Fil-kaz in ezami ghandna l-attur li qed ifittex lill-Bank biex ihallsu lura xi flus li huwa kellu fil-kont bankarju tieghu filwaqt li l-Bank qed jirribatti li l-attur ghadu debitur tieghu f'ammont in eccess tal-kont bankarju kif kanonizzat in forza ta sentenza tal-Qorti. Proprjament u strettament dan it-Tribunal ma jarax il-htiega il-ghala l-Bank Konvenut kellu jaghmel kontro-talba u jitlob kundanna ta hlas u dana peress li l-bilanc lilu dovut diga ghandu titolu esekuttiv fuqu. Illi in vista ta dan ghalhekk, it-Tribunal ma hux ser joqghod jidhol aktar fil-fond fuq il-kwistjoni tal-kontro-talba.

Illi dwar il-punt sollevat ta tpacija jinghad illi ma hemmx dubbju li minn-naha l-attur ghadu debitur tal-Bank konvenut in forza ta sentenza tal-Qorti filwaqt li minn-naha l-ohra l-attur stess qed jallega li l-Bank konvenut huwa debitur tieghu stante li naqas jikkonsenjalu l-flus li huwa

kellu f’kont bankarju. Illi ghalhekk ghandna s-sitwazzjoni kontemplata fil-ligi dwar tpacija u cioe zewg debituri li huma debituri lejn xuxlin u kwindi tista ssir it-tpacija kif rikjesta mill-Bank konvenut.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-tieni eccezzjoni sollevata mill-Bank konvenut u jiddikjara li ghandha ssir tpacija bejn l-ammont ta Lm314 li l-attur kellu l-Bank mas-somma ta Lm380.47 li l-istess Bank konvenut kien fadallu jiehu mill-attur in forza ta sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 18 ta Gunju 1999 u ghalhekk tichad it-talba tal-attur f’dan is-sens filwaqt ghar-rigward tal-kontro-talba mressqa mill-Bank konvenut it-Tribunal qieghed jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-attur ghar-ragunijiet fuq esposti u kwindi jikkonferma li r-rimanenti bilanc dovut mill-attur lill-Bank konvenut huwa fl-ammont ta tmienja u sebghin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm78.22) u kwindi jikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-Bank konvenut din is-somma. Dwar il-kap tal-ispejjes, qed jigi deciz li dawk rigwardanti t-talba ghandhom jigu sopportati mill-attur filwaqt li dawk rigwardanti il-kontro-talba ghandhom jigu sopportati mill-Bank konvenut in vista tal-fatt li ma kien hemm ebda htiega ghal tali azzjoni stante li l-Bank konvenut gia kien qed igawdi minn titolu esekuttiv kontra l-attur fuq l-ammont hemm minnu mitlub.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------